REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/894

tad-29 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

1. **SFOND**

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 ("ir-Regolament definittiv") ([3]), il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja fuq ċerti importazzjonijiet tal-azzar (26 kategorija ta' prodotti tal-azzar). Il-miżuri jikkonsistu minn sistema ta' kwoti tariffarji għal kull kategoriji ta' prodotti stabbiliti f'livell li jiżgura tfixkil minimu għall-importazzjonijiet u l-preservazzjoni tal-livelli tradizzjonali ta' importazzjoni mis-sħab kummerċjali. Tariffa barra mill-kwota ta' 25 % tapplika għall-importazzjonijiet li jaqbżu l-kwoti tariffarji.

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1590 ("l-ewwel Regolament tar-Rieżami") ([4]), il-Kummissjoni rrieżaminat il-miżuri għall-ewwel darba u introduċiet sensiela ta' aġġustamenti, bit-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi mibdula u tal-interess tal-Unjoni, sabiex il-funzjonament tagħhom isir aktar effettiv.

(3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/35 (ir-"Regolament dwar l-użu finali") ([5]), il-Kummissjoni rrevokat l-aġġustament li kien sar qabel għall-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja fil-kategorija ta' prodotti 4, billi kien evidenti li dan ma kienx prattiku.

2. **IL-PROĊEDURA TAT-TIENI RIEŻAMI**

(4) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament definittiv, il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-miżuri f'każ ta' bidla fiċ-ċirkustanzi matul il-perjodu tal-impożizzjoni tal-miżuri.

(5) Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bdiet it-tieni Rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja billi ppubblikat Notifika ta' Bidu ([6]) li fiha stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-fehmiet tagħhom u jissottomettu evidenza dwar ħames bażijiet ta' rieżami ([7]).

(6) Il-proċess dovut twettaq skont proċedura bil-miktub f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-Kummissjoni rċeviet madwar 90 sottomissjoni. Fit-tieni stadju, il-partijiet interessati tħallew ukoll jopponu s-sottomissjonijiet inizjali ta' partijiet oħra. Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 30 sottomissjoni addizzjonali.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1590 tas-26 ta' Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 28).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/35 tal-15 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 12, 16.1.2020, p. 13).
([6]) ĠU C 51, 14.2.2020; p. 21
([7]) Ara l-Premessa (9) hawn taħt.

(7) Il-fażi bil-miktub tal-proċediment intemmet fit-18 ta' Marzu 2020, filwaqt li l-Unjoni u pajjiżi oħra kienu qed jimponu lockdowns u konfinamenti stretti biex iwaqqfu l-firxa tal-pandemija tal-COVID-19.

(8) Sabiex tieħu inkunsiderazzjoni, fil-qafas tar-Rieżami, kemm l-effetti ekonomiċi ta' dan l-iżvilupp mhux mistenni li rriżulta f'bidla drastika fiċ-ċirkustanzi tal-funzjonament tas-suq tal-azzar tal-Unjoni kif ukoll il-miżuri ta' salvagwardja attwali, fit-30 ta' April 2020 il-Kummissjoni fetħet perjodu addizzjonali u straordinarju għall-partijiet interessati biex jissottomettu l-fehmiet tagħhom dwar l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq tal-azzar.

3. SEJBIET TAL-INVESTIGAZZJONI

(9) Wara analiżi fil-fond tas-sottomissjonijiet kollha riċevuti, il-Kummissjoni laħqet il-konklużjonijiet li ġejjin. Dawn huma organizzati f'sitt sottotaqsimiet differenti. L-ewwel waħda tikkonċerna l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 (it-Taqsima 3.1 hawn taħt), il-ħamsa sussegwenti (it-Taqsimiet 3.2 sa 3.6) jikkorrispondu għall-ħames bażijiet ta' rieżami identifikati fin-Notifika ta' Bidu tat-tieni Rieżami, jiġifieri: A) il-livell u l-allokazzjoni tal-kwoti tariffarji; B) l-esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali; C) l-effetti detrimentali potenzjali fil-ksib tal-objettivi ta' integrazzjoni mixtieqa ma' sħab kummerċjali preferenzjali; D) l-aġġornament tal-lista ta' pajjiżi membri tad-WTO fil-fażi tal-iżvilupp esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri abbażi ta' statistika aġġornata dwar l-importazzjoni li tikkonċerna l-2019; u E) bidliet oħra fiċ-ċirkustanzi li jistgħu jeħtieġu aġġustament fil-livell ta' allokazzjoni tal-kwota tariffarja.

3.1. L-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni u l-funzjonament tal-miżuri ta' salvagwardja attwali

Kummenti minn partijiet interessati

(10) Il-Kummissjoni rċeviet madwar 200 sottomissjoni dwar l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-funzjonament tal-miżuri ta' salvagwardja attwali. Il-maġġoranza vasta tagħhom kienu minn esportaturi, importaturi, utenti u negozjanti. Bosta pajjiżi tal-esportazzjoni, kif ukoll assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni ("l-industrija tal-Unjoni") u utenti tal-azzar downstream issottomettew xi kummenti wkoll.

(11) Maġġoranza vasta mill-kummenti opponew bil-qawwa t-talba li saret mill-industrija tal-Unjoni biex jitnaqqas drastikament il-volum ta' kwoti tariffarji. Dawn il-kummenti indikaw li dan it-tnaqqis fil-kwoti tariffarji kieku mhux biss ikun jikkostitwixxi projbizzjoni *de facto* fuq l-importazzjonijiet bi ksur tar-regoli tad-WTO, iżda jmur ukoll kontra l-interess tal-Unjoni billi jinjora l-interess tas-swieq downstream fejn l-attivitajiet ta' manifattura tal-azzar jintlaqtu b'mod negattiv ħafna. Bosta partijiet enfasizzaw ukoll li bidliet addizzjonali fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji jkunu totalment mhux ġustifikati u qiesu li l-eliminazzjoni tal-mekkaniżmu ta' riport ta' kwoti mhux użati minn trimestru għal ieħor kieku jagħmel il-miżuri aktar restrittivi, bi ksur tar-regoli tad-WTO. Ħafna partijiet enfasizzaw li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 għadu inċert u t-tbassir tiegħu mhuwiex faċli, u se jkollu effetti differenti skont is-segment tal-azzar. Għalhekk, xi partijiet issuġġerew il-posponiment ta' kwalunkwe aġġustament sakemm l-impatt ikun ċar, u wissew li tnaqqis fil-livell tal-kwoti tariffarji kieku jikkompromett i l-kuntratti ta' provvista li diġà ġew konklużi.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(12) Meta l-Kummissjoni adottat l-ewwel pakkett ta' aġġustamenti għall-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar tal-Unjoni f'Ottubru 2019, it-tbassir għall-industrija tal-azzar kien jindika tnaqqis fid-domanda hekk kif l-ekonomija globali kienet qed tmajna gradwalment. Minbarra adattament tal-pass tal-liberalizzazzjoni għal dan it-tbassir ta' tnaqqis fit-tkabbir, il-Kummissjoni introduċiet ukoll bosta aġġustamenti oħra mmirati lejn il-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali u lejn il-prevenzjoni li ċerti oriġini tal-esportazzjoni jeskludu lil oħrajn fl-użu tal-kwoti tariffarji disponibbli taħt il-miżuri f'kuntest ekonomiku li aktar ma jmur qed jiddeterjora.

(13) F'dak iż-żmien, kien imprevedibbli l-fatt li, bosta xhur wara, il-pandemija tal-COVID-19 kienet se tikkawża l-aktar reċessjoni severa għall-ekonomija dinjija mill-Kriżi Finanzjarja Globali tal-2008. Il-kontrolli stretti ordnati mill-awtoritajiet madwar id-dinja kollha biex il-marda tiġi mmitigata jew imrażżna minn meta faqqgħet il-pandemija matul l-ewwel trimestru tal-2020 kien qed ikollhom impatt negattiv kbir. L-effetti ekonomiċi tal-lockdown u tal-miżuri ta' konfinament kienu immedjati u ħorox. Id-daqs u l-akutezza tal-iskoss ekonomiku kienu sinifikanti ħafna f'termini ta' output, investiment fiss, sensji, u domanda.

(14) Skont Oxford Economics, il-PDG globali huwa mistenni jonqos bi kważi 7 % fl-ewwel nofs tas-sena, kważi d-doppju tat-tnaqqis irreġistrat matul il-kriżi finanzjarja globali, u dan jirrifletti reviżjonijiet wiesgħa fl-ekonomiji l-kbar kollha" ([8]). Din ir-reċessjoni qed isseħħ fis-setturi industrijali l-kbar kollha u l-ordnijiet waqfu kompletament. F'Marzu 2020, il-J.P.Morgan Global Composite Output Index waqa' għal 39,4, l-aktar livell baxx fil-133 xahar preċedenti, u t-tnaqqis ta' xahar b'xahar fil-livell tal-indiċi (6,7 punti) kien it-tieni l-akbar fl-istorja tas-sensiela ([9]). Is-severità tal-impatt kienet enfasizzata minn tnaqqis rekord fis-sensiela ta' xahar b'xahar fil-livelli tal-indiċijiet li jsegwu l-output (tnaqqis ta' 10,1 punti), l-ordnijiet ġodda (tnaqqis ta' 9,4), negozju pendenti (tnaqqis ta' 7,3), ordnijiet ta' esportazzjoni ġodda (tnaqqis ta' 10,4) u attività fil-ġejjieni (tnaqqis ta' 13,1) ([10]). L-IHS Markit Global Sector PMI ippubblikat f'Mejju jikkonferma dan l-impatt u juri tnaqqis rekord fl-output f'kull settur immonitorjat minbarra fis-servizzi tal-kura tas-saħħa ([11]).

(15) Il-prodotti tal-azzar tal-Unjoni jbassru domanda dejjem tonqos, b'aktar minn 60 % fin-nofsinhar tal-Ewropa u b'madwar 50 % fit-tramuntana tal-Ewropa matul it-tieni nofs tal-2020, prinċipalment xprunata minn tnaqqis drammatiku ta' madwar 80 % fid-domanda fis-segment awtomobilistiku b'riżultat ta' tnaqqis qawwi fil-bejgħ u fil-produzzjoni ta' vetturi. Dan huwa f'konformità mas-sejbiet ta' Morgan Stanley fir-rapport reċenti tiegħu dwar is-settur tal-azzar ([12]), li josserva li s-swieq finali tal-azzar qed jiffaċċjaw tfixkil serju fid-domanda awtomobilistika (18 % tad-domanda għall-azzar fl-Unjoni) bi tnaqqis kbir f'livell ta' 40-85 % mis-sena preċedenti f'Marzu, filwaqt li s-segmenti tal-Kostruzzjoni, taż-Żejt u l-Gass, u dak Ajruspazjali qed jiffaċċjaw diffikultajiet serji wkoll. It-tnaqqis qawwi fit-tul imsemmi hawn fuq fid-domanda għall-azzar jidher li huwa plawżibbli u kkorroborat mill-evoluzzjoni tal-PMI tal-utenti globali tal-azzar aġġustat staġjonalment, li huwa indikatur kompost imfassal biex jagħti ħarsa ġenerali preċiża tal-kundizzjonijiet tal-operat fil-manifatturi identifikati bħala utenti kbar tal-azzar. Minn 49,3 f'Marzu, f'April dan l-indikatur naqas għal 43,7, l-aktar livell baxx fil-133 xahar preċedenti, ikkawżat mid-domanda dejjem tonqos kemm fis-suq domestiku kif ukoll tal-esportazzjoni, b'din tal-aħħar tonqos bl-ogħla rata minn tmiem l-2008 ([13]).

(16) Il-ħsara ekonomika severa sussegwenti se tinħass mill-kumpaniji u l-pajjiżi matul l-ewwel nofs tal-2020. Bidla fix-xejra tista' tiġi mistennija biss fi tmiem it-tieni trimestru, possibbilment b'żieda fl-attività f'massimu ta' ftit pajjiżi. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea jbassar reċessjoni profonda u irregolari u rkupru inċert, bir-rata ta' qgħad fl-Unjoni tiżdied minn 6,7 % fl-2019 sa 9 % fl-2020 u mbagħad tonqos għal madwar 8 % fl-2021 ([14]).

(17) It-tbassir ekonomiku għat-tul ta' żmien li fadal tal-miżuri ta' salvagwardja li jintemmu fit-30 ta' Ġunju 2021 huwa skoraġġanti. It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea jbassar ukoll li l-ekonomija tal-Unjoni se tonqos b'7,5 % fl-2020 u tikber b'madwar 6 % fl-2021. Għalhekk, mhuwiex mistenni li l-ekonomija tal-UE tkun irkuprat kompletament it-telf dovut għall-kriżi sa tmiem l-2021. L-investiment se jibqa' baxx u s-suq tax-xogħol se jkun għadu ma rkuprax għalkollox ([15]). Il-projezzjonijiet tat-tkabbir tal-Kummissjoni għall-Unjoni u għaż-żona tal-euro ġew riveduti 'l isfel b'madwar disa' punti perċentwali bi tqabbil mat-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2019.

(18) Minkejja dan, f'dan l-istadju għadu mhuwiex faċli t-tbassir tal-gravità tal-konsegwenzi ekonomiċi massivi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Kif josserva Oxford Economics, l-inċertezza ewlenija issa mhijiex id-daqs tat-tnaqqis fit-tieni nofs tal-2020, iżda l-veloċità u ż-żmien tal-irkupru sussegwenti ([16]). Fl-analiżi reċenti tiegħu dwar l-inċertezza, IHS Markit josserva li l-inċertezza togħla bil-qawwa sal-livelli tal-Kriżi Finanzjarja Ġenerali u jiddeskrivi kif issa d-ditti qed jibżgħu aktar minn qatt qabel minn reċessjoni, u kif qed jistennew li t-tnaqqis fir-ritmu se jkompli tul is-sena li ġejja ([17]).

(19) Għalkemm minn nofs Mejju 2020 il-pajjiżi bdew jimplimentaw strateġiji ta' ħruġ għall-miżuri ta' kontroll tal-pandemija l-aktar stretti, tabilħaqq għad fadal ħafna inċertezzi dwar l-irkupru. L-ewwel nett huwa diffiċli li f'dan l-istadju ssir kalibrazzjoni ċara tal-livell ta' ħsara kkawżata lill-industriji nazzjonali u lill-ktajjen ta' provvista domestiċi

([8]) Research Briefing (Global) tal-14 ta' April 2020.
([9]) J.P.Morgan Global Composite PMI tat-3 ta' April 2020.
([10]) Ibidem.
([11]) IHS Markit Global Sector PMI tat-8 ta' Mejju 2020.
([12]) Ir-rapport "Bracing for impact" (Inħejju għall-impatt) tas-7 ta' April 2020.
([13]) IHS Markit Global Steel Users PMI tat-8 ta' Mejju 2020.
([14]) It-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020: "A deep and uneven recession, an uncertain recovery" (Reċessjoni profonda u irregolari, bi rkupru inċert) tas-6 ta' Mejju 2020.
([15]) IHS Markit Global Steel Users PMI tat-8 ta' Mejju 2020.
([16]) Research Briefing (Global) tal-14 ta' April 2020.
([17]) IHS Markit PMI Research & Analyis tal-14 ta' Mejju 2020.

u internazzjonali. It-tieni nett, mhuwiex eskluż li jfeġġu mewġiet ġodda tal-virus aktar tard fis-sena hekk kif il-kontrolli qed jitneħħew progressivament, u dan jista' jwassal għal implimentazzjoni suċċessiva mill-ġdid ta' lockdowns u ta' miżuri ta' konfinament, inkluż f'sekwenza ta' waqfien u tkomplija li tista' twaqqaf l-irkupru u tikkawża aktar ħsara dejjiema.

(20) Fid-dawl tal-analiżi kontinwa, il-Kummissjoni ssib li l-iskoss ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 jirrappreżenta bidla fundamentali u eċċezzjonali fiċ-ċirkustanzi, b'mod li għandu impatt drastiku fuq il-funzjonament tas-suq tal-azzar fl-Unjoni u madwar id-dinja. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni bir-reqqa l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 meta jkunu qed jitfasslu l-aġġustamenti taħt it-tieni Rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja.

(21) Kif ġie spjegat qabel, fl-ewwel Rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja, b'riżultat ta' tnaqqis fir-ritmu diġà osservat fis-suq tal-azzar għall-kuntrarju tal-aspettattivi fi żmien l-adozzjoni tal-miżuri definittivi, il-Kummissjoni kienet introduċiet aġġustamenti biex tirrimedja xi effetti limitati ta' esklużjoni osservati matul l-ewwel sena tal-miżuri. Madankollu, mingħajr aġġustamenti, dawk l-effetti se jkomplu jiħraxu fil-kuntest ekonomiku attwali.

(22) Filwaqt li l-iskoss ekonomiku tal-pandemija kien relattivament simetriku, fis-sens li l-pandemija affettwat il-pajjiżi kollha fid-dinja bi tnaqqis f'daqqa u sinifikanti ħafna fl-output u fid-domanda, il-qawwa tal-irkupru fl-2021 aktarx li tkun asimetrika. Dan se jiddependi mhux biss fuq l-evoluzzjoni tal-pandemija f'kull pajjiż, iżda wkoll fuq l-istruttura tal-ekonomiji nazzjonali u l-kapaċità tagħhom biex jirreaġixxu b'politiki ta' rkupru.

(23) Fis-sitwazzjoni attwali ta' tnaqqis fid-domanda u t-tnaqqis drastiku fil-bejgħ li jirriżulta li jaffettwa prattikament il-kategoriji kollha tal-prodotti tal-azzar, flimkien ma' orizzont ta' inċertezza għolja u probabbiltà ta' asimetriji ġeografiċi qawwija fil-veloċità u d-dewmien tal-irkupru, huwa plawżibbli li jiġi mistenni ([18]) li xi esportaturi tal-azzar lejn l-Unjoni jadottaw imġiba kummerċjali aggressiva sabiex jaħtfu aktar qawwija biex "jiżvojtaw is-suq" għad-detriment ta' parteċipanti oħra fis-suq meta l-attività terġa' tibda wara l-pandemija.

(24) B'mod partikolari, huwa raġonevoli li jiġi mistenni ([19]) li xi esportaturi, notevolment f'żoni ġeografiċi li jkunu qed ikomplu bl-attivitajiet tagħhom relattivament aktar kmieni minn oħrajn, se jbigħu volumi kbar mill-aktar fis possibbli fis-suq tal-Unjoni u dan b'aktar aggressività milli fil-passat, sabiex l-ewwel jeżawrixxu l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż malajr kemm jistgħu u mbagħad iħejju biex immedjatament jużaw il-kwoti residwi meta dawn isiru disponibbli.

(25) Din l-imġiba opportunistika tal-esportaturi minn ċerti oriġini tirriskja, aktar minn qatt qabel, li tisposta lil parteċipanti oħra fis-suq u li tokkupa b'mod mhux dovut ishma mis-suq li f'ċirkustanzi normali jkunu jikkorrispondu għal oqsma tradizzjonali oħra tal-flussi kummerċjali jew għall-produzzjoni domestika. Dan huwa riskju reali billi l-esportaturi se jippruvaw jakkwistaw ishma akbar ta' suq iżgħar biex jikkumpensaw għat-telf assolut fil-bejgħ minħabba d-domanda baxxa.

(26) Minbarra li tipperikola l-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini, l-imġiba opportunistika msemmija hawn fuq, li b'mod mhux dovut tisposta l-flussi kummerċjali tradizzjonali u l-produzzjoni domestika, għandha wkoll tendenza li tikkawża żbilanċi serji ħafna fis-suq tal-azzar tal-Unjoni li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jikkompromettu l-effetti ta' rimedju tal-miżuri ta' salvagwardja oriġinali f'termini ta' protezzjoni kontra żieda f'daqqa ġdida fl-importazzjonijiet.

(27) F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ggarantit ritorn ordnat lejn is-suq tal-forniturі kollha, kemm dawk tal-industrija domestika kif ukoll l-esportaturi, u biex tiġi mminimizzata mġiba opportunistika mhux dovuta, il-Kummissjoni tqis li hija meħtieġa l-introduzzjoni ta' żewġ aġġustamenti ġenerali għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji. L-ewwel wieħed huwa bidla lejn ġestjoni trimestrali, minflok annwali, tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż; dan l-aġġustament, filwaqt li jippreserva l-volumi totali għal kull kategorija ta' prodotti, se jiżgura fluss aktar stabbli ta' importazzjonijiet u jimminimizza r-riskju ta' żieda mhux dovuta fl-importazzjoni matul it-tul ta' żmien li jifdal tal-miżuri. It-tieni

([18]) Ara l-Premessi (36) u (37) fejn hemm elaborazzjoni tal-imġiba osservata ta' ċerti pajjiżi tal-esportazzjoni taħt il-miżuri.
([19]) *Ibid.*

aġġustament komplementari huwa l-introduzzjoni ta' sistema raffinata għall-aċċess għall-kwota residwa ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż. Dan l-aġġustament se jiddelimita, fejn xieraq, l-użu tal-kwota residwa għall-iżgħar pajjiżi tal-esportazzjoni attwali li jaqgħu fi ħdan din is-sezzjoni globali tal-kwoti tariffarji, u se jimminimizza r-riskju li dawn jiġu esklużi minn dawk l-importaturi li jgawdu minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż. Hawn taħt, fit-Taqsimiet 3.2 u 3.3 rispettivament, tinstab elaborazzjoni ta' dawn iż-żewġ aġġustamenti.

3.2. **Livell u allokazzjoni tal-kwoti tariffarji**

(28) Taħt din it-Taqsima, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-livell u l-allokazzjoni attwali tal-kwoti tariffarji, inkluża l-ġestjoni tagħhom, humiex xierqa. Kif indikat fin-Notifika ta' Bidu, minbarra l-kummenti u l-evidenza sottomessi mill-partijiet interessati, fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari għall-iżvilupp tal-użu tal-kwoti tariffarji matul it-tieni sena tal-miżuri ([20]), li kien is-suġġett ta' monitoraġġ ta' kuljum għas-26 kategorija ta' prodotti kollha.

Kummenti minn partijiet interessati

(29) Il-biċċa l-kbira mill-partijiet interessati ssottomettew xi kummenti dwar dan l-aspett ta' dan ir-Rieżami. Ħafna minnhom, b'mod partikolari l-produtturi esportaturi, il-gvernijiet ta' pajjiżi terzi, l-utenti u l-importaturi talbu jew żieda fil-livell tal-kwoti tariffarji jew inkella sistema ta' allokazzjoni differenti għall-kategoriji ta' prodotti li jikkonċernawhom. Dawk it-talbiet kienu jinkludu l-bidla tal-perjodu referenzjarju biex jiġu kkalkulati l-livelli ta' kwoti tariffarji biex wieħed jibbenefika minn kwota ogħla. Xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tibdel il-bażi għall-allokazzjoni ta' kwota speċifika għall-pajjiż, billi żżid jew tnaqqas is-soll attwali ta' 5 %.

(30) Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-Unjoni appoġġat għadd ta' aġġustamenti fid-direzzjoni opposta. L-aktar notevoli kienet it-talba tal-industrija tal-Unjoni li l-kwoti tariffarji jiġu amministrati fuq bażi trimestrali, u li l-volumi mhux użati fi trimestru partikolari ma jiġux trasferiti lejn it-trimestru sussegwenti. Fil-qafas tal-ftuħ mill-ġdid eċċezzjonali tal-fażi bil-miktub biex jiġu riċevuti kummenti dwar l-effetti ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, l-industrija tal-Unjoni talbet biex il-livell ta' kwoti tariffarji jitnaqqas sa 75 % biex ipatti għall-effetti ekonomiċi devastanti tal-pandemija. Ħafna partijiet interessati opponew din it-talba bil-qawwa, billi ressqu l-argument li din tkun inkumpatibbli mar-regoli tad-WTO u li taffettwa lill-industrija downstream fl-Unjoni mingħajr raġuni tajba.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(31) Il-Kummissjoni tosserva li anke fl-aħħar trimestru tat-tieni sena tal-miżuri (*data* analizzata sal-15 ta' Mejju 2020), il-livell globali tal-kwoti tariffarji baqa' ma ntużax fil-biċċa l-kbira tiegħu ([21]), bi kwoti disponibbli f'kull kategorija ta' prodotti. Fid-dawl tal-pass u x-xejra osservati tal-użu tal-kwoti tariffarji wara li għaddew aktar minn tliet trimestri tal-perjodu, u fil-kuntest ekonomiku prevalenti ta' tkabbir dejjem jonqos deskritt fit-Taqsima 3.1 hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli ħafna li, fil-bqija tal-aħħar trimestru, l-użu tal-kwoti tariffarji jaċċellera. Għall-kuntrarju ta' dan, il-prospettivi l-aktar reċenti tax-xejriet tal-importazzjoni u tad-domanda jindikaw li sa tmiem il-perjodu, jiġifieri t-30 ta' Ġunju 2020, il-pass tal-importazzjonijiet saħansitra jista' jonqos aktar. Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-Premessa (15) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami, fl-ewwel sena tal-miżuri, meta s-sitwazzjoni fis-suq kienet aktar stabbli u d-domanda kienet sostenibbli bi tqabbil mas-sitwazzjoni attwali, madwar 3,2 miljun tunnellata ta' kwoti tariffarji mingħajr dazju baqgħu ma ntużawx ([22]).

(32) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li l-livelli ta' kwoti tariffarji stabbiliti ma rreġistrinġewx b'mod mhux dovut il-flussi kummerċjali matul it-tieni sena tal-miżuri, iżda ppermettew livell ta' importazzjonijiet proporzjonali għall-ħtiġijiet tas-suq tal-Unjoni.

(33) B'reazzjoni għat-talbiet għal żieda fil-livelli ta' kwoti tariffarji, il-Kummissjoni tosserva li s-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet interessati ma wrewx li d-domanda fis-suq tal-azzar tal-Unjoni kieku tiżdied b'tali mod li l-kwoti tariffarji effettivi joħolqu nuqqas fil-provvista fis-suq. Għall-kuntrarju, kif deskritt fid-dettall fit-Taqsima 3.1, ix-xejra pjuttost tindika d-direzzjoni opposta. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-perjodu referenzjarju użat biex jiġu kkalkulati l-kwoti tariffarji jikkostitwixxi wieħed mill-pilastri fit-tfassil tal-miżuri stabbiliti ab initio mir-Regolament definittiv, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rieżami ma jkoprix il-modifika sostanzjali tal-istruttura bażika tal-miżuri. Minflok, l-objettiv tiegħu huwa li jivvaluta jekk humiex meħtieġa xi aġġustamenti speċifiċi fil-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta dawk it-talbiet.

([20]) *Data* analizzata sal-15 ta' Mejju 2020

([21]) 9 miljun tunnellata – 29 % tal-kwota tariffarja totali disponibbli fit-tieni sena tal-miżuri.

([22]) Dan ammonta għal madwar 12 % tal-kwota tariffarja li ma ntużatx.

(34) Minkejja dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tintroduċi sensiela ta' aġġustamenti u raffinamenti fil-ġestjoni tal-kwoti tariffarji, sabiex tadattaha għall-evoluzzjoni tas-suq u tiżgura aħjar il-funzjonament tal-miżuri ta' salvagwardja. Dawk l-aġġustamenti huma kemm ta' natura orizzontali kif ukoll speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' prodotti.

3.2.1. *Aġġustament orizzontali: amministrazzjoni trimestrali tal-kwoti kollha speċifiċi għall-pajjiż*

(35) L-investigazzjoni tar-Rieżami wriet li bosta pajjiżi tal-esportazzjoni komplew juru mġiba aggressiva ħafna fl-esportazzjoni f'diversi kategoriji ta' prodotti matul it-tieni sena tal-miżuri. Dawn il-pajjiżi eżawrew bosta (jew il-biċċa l-kbira) mill-kwoti annwali speċifiċi għall-pajjiż malajr wisq (f'xi każijiet fi żmien ftit xhur biss wara l-bidu tal-perjodu). Kwota annwali speċifika għall-pajjiż saħansitra ġiet eżawrita fl-ewwel jum tat-tieni sena tal-miżuri.

(36) Din l-imġiba ħolqot f'dawk il-kategoriji ta' prodotti sitwazzjoni fejn fluss qawwi sproporzjonat ta' importazzjonijiet kien ikkonċentrat fi stadju pjuttost bikri tal-perjodu annwali. Dan l-influss sussegwentement naqas sal-bidu tal-aħħar trimestru tal-perjodu, meta reġa' kien hemm quċċata ġdida fl-importazzjonijiet, li tikkoinċidi mal-mument meta l-pajjiżi li jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż jitħallew jużaw il-kwota tariffarja residwa disponibbli mingħajr dazju. Il-Kummissjoni tqis li din l-imġiba qed tikkawża żbilanċi importanti u tipprevieni l-funzjonament tas-suq mingħajr xkiel.

(37) Fis-sitwazzjoni ta' inċertezza estrema, tnaqqis fid-domanda u tnaqqis drastiku li jirriżulta fil-bejgħ li jaffettwaw prattikament il-kategoriji kollha ta' prodotti tal-azzar deskritti fid-dettall fit-Taqsima 3.1, il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli ħafna li l-imġiba esklużjonarja fl-esportazzjoni msemmija hawn fuq se tkompli tiħrax. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, l-esportaturi jadottaw imġiba aggressiva u opportunistika ħafna fir-rigward ta' kompetituri oħra, bil-ħsieb li jirkupraw il-bejgħ mitluf. Skont din l-imġiba opportunistika, huwa raġonevoli li jiġi mistenni li l-esportaturi fil-pajjiżi tal-esportazzjoni l-aktar b'saħħithom se jippruvaw jikkonċentraw il-bejgħ fil-bidu biex "jiżvojtaw is-suq". Imġiba kummerċjali opportunistika bħal din hija l-aktar riskju importanti għall-funzjonament adegwat tal-miżuri ta' salvagwardja, billi tikkawża disturbi serji ħafna fis-suq u, fin-nuqqas ta' azzjoni ta' rimedju, tirriskja li tisposta b'mod mhux dovut il-flussi kummerċjali tradizzjonali u l-produzzjoni domestika, u b'hekk tmewwet l-effett utile tal-miżuri ta' salvagwardja stabbiliti.

(38) Minn meta ġew imposti l-miżuri definittivi, il-kwoti speċifiċi għall-pajjiż ġew amministrati fuq bażi annwali, jiġifieri l-volumi sottostanti kollha saru disponibbli għall-esportaturi fil-bidu ta' kull perjodu annwali mingħajr restrizzjonijiet fiż-żmien għall-użu tagħhom f'perjodu partikolari, u dan f'kuntrast mal-kwoti residwi li kienu amministrati b'mod trimestrali. F'dak iż-żmien, deher li l-introduzzjoni ta' limitazzjonijiet taż-żmien kienet piż amministrattiv mhux meħtieġa li jinterferixxi fil-funzjonament normali tas-suq.

(39) Madankollu, wara l-investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni tqis li l-amministrazzjoni annwali attwali tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż ma tkunx effettiva fil-prevenzjoni tad-disturbi fis-suq tal-azzar tal-Unjoni identifikati hawn fuq, li kieku jiħraxu minħabba l-imġiba opportunistika mistennija ta' xi esportaturi. Dawn id-disturbi kieku mhux biss imorru kontra l-interess tal-maġġoranza tal-pajjiżi tal-esportazzjoni, iżda jaffettwaw b'mod negattiv ħafna wkoll is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, u b'hekk jimminaw l-effettività tal-miżuri.

(40) Kif meħtieġ, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż jiġu amministrati b'mod trimestrali wkoll. Dan l-aġġustament se jiżgura fluss aktar stabbli ta' importazzjonijiet u jimminimizza r-riskju għoli ħafna eżistenti li l-imġiba opportunistika tal-esportaturi tmur kontra l-interess leġittimu ta' parteċipanti oħra fis-suq matul il-perjodu ta' miżuri li jmiss, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(41) Dan l-aġġustament se jkollu effett pożittiv ta' stabbilizzazzjoni fuq is-suq, billi se jevita ħażniet massivi fil-bidu ta' perjodu, kif diġà ġie identifikat fil-passat f'bosta kategoriji ta' prodotti. L-aġġustament se jippermetti lil dawk il-produtturi, kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, li raw il-kapaċità ta' operazzjoni tagħhom tiġi ristretta sinifikattivament matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tħallew ikomplu l-operazzjonijiet wara l-lockdowns relattivament aktar tard minn oħrajn, biex ikunu jistgħu jikkompetu f'kundizzjonijiet aktar ekwi meta tirkupra d-domanda.

(42) Fl-aħħar nett, għandu jissemma' li l-Kummissjoni ma ssib l-ebda raġuni biex twaqqaf ir-riport ta' volumi mhux użati ta' kwoti amministrati b'mod trimestrali minn trimestru partikolari għal dak sussegwenti fl-istess perjodu. Iż-żamma tal-mekkaniżmu ta' riport jiżgura li l-użu tal-kwota tariffarja jista' jadatta għall-evoluzzjoni tad-domanda matul is-sena, mingħajr ma jinħolqu disturbi mhux dovuti fis-suq.

3.2.2. *Aġġustamenti speċifiċi għal kategoriji ta' prodotti individwali*

(a) Kategorija 1 (Prodotti ċatti llaminati bis-sħana)

(43) Kif spjegat fil-Premessa (149) tar-Regolament definittiv u fil-Premessi (17) sa (19) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami, din il-kategorija ta' prodotti kienet suġġetta għal kwota tariffarja globali biss. Din kienet eċċezzjoni għas-sistema normalment preferuta, li tiġi applikata għal kważi l-kategoriji ta' prodotti l-oħra kollha, ta' kombinament ta' kwoti speċifiċi għall-pajjiż għall-akbar fornituri storiċi u bi kwoti residwi għall-bqija.


Kummenti minn partijiet interessati

(44) Rigward din il-kategorija ta' prodotti, bosta partijiet interessati talbu li l-limitu massimu ta' 30 % għal kull pajjiż ta' oriġini jitnaqqas għal 20 %, filwaqt li oħrajn appoġġaw l-eliminazzjoni tal-limitu massimu u treġġigħ lura għas-sitwazzjoni ta' qabel l-ewwel Rieżami.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(45) L-investigazzjoni tar-rieżami żvelat għadd ta' żviluppi li abbażi tagħhom il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ aġġustament għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji f'din il-kategorija ta' prodotti. L-ewwel nett, l-investigazzjoni tikkonferma li l-użu tal-kwota tariffarja f'din il-kategorija esperjenza tnaqqis qawwi konsistenti matul il-perjodu kollu (ara l-Graff 1 hawn taħt), u li ntlaħaq użu medju ta' 54 % matul it-tieni u t-tielet trimesti tat-tieni sena tal-miżuri ([23]).


Graff 1



(46) Fi tmiem it-tielet trimestru, il-kwota akkumulata mhux użata mill-bidu tat-tieni sena tal-miżuri laħqet volum ta' aktar minn 1,5 miljun tunnellata (ara l-Graff 2 hawn taħt). Barra minn hekk, id-*data* disponibbli sa nofs Mejju 2020 turi tnaqqis ħafna aktar drammatiku fil-livelli ta' importazzjoni f'din il-kategorija ta' prodotti, bl-użu ta' 16 % biss mill-kwota tariffarja. Dan jirrappreżenta aktar minn 3 miljun tunnellata ta' kwota tariffarja mhux użata, sitt ġimgħat biss qabel tmiem it-trimestru. Għaldaqstant, ix-xejra tal-importazzjonijiet f'din il-kategorija ta' prodotti, li tammonta għal madwar terz tal-volumi storiċi ta' importazzjoni tas-26 kategorija ta' prodotti suġġetti għal miżuri ta' salvagwardja, hija indikatur rilevanti tax-xejra attwali ferm negattiva fid-domanda fis-suq tal-azzar tal-UE.

([23]) Sors: https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp

Graff 2



(47) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li dan it-tnaqqis sostanzjali fl-użu tal-kwota tariffarja seħħ f'perjodu li kien għadu ma ġiex affettwat mill-iskoss tal-pandemija tal-COVID-19. Għaldaqstant, dan jissuġġerixxi bil-qawwa li huwa improbabbli ħafna li kwalunkwe rkupru fid-domanda tal-Unjoni fil-ġejjieni tul it-tielet sena tal-miżuri jkun ta' tali daqs li eventwalment jilħaq użu sħiħ jew għoli ħafna tal-kwota tariffarja f'din il-kategorija ta' prodotti.

(48) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ssib li r-riskju ta' nuqqas potenzjali fil-provvista li hija ppruvat tevita bil-globalizzazzjoni tal-kwota tariffarja taħt il-miżuri definittivi ma għadux jeżisti fiċ-ċirkustanzi attwali. Kif meħtieġ, il-Kummissjoni ddeċidiet li twaqqaf l-amministrazzjoni globali eċċezzjonali tal-kwota tariffarja f'din il-kategorija ta' prodotti u li tapplika s-sistema standard ta' kombinament ta' kwota speċifika għall-pajjiż u kwota residwa, li hija stabbilita għal kważi l-kategoriji kollha l-oħra ta' prodotti.

(49) Għalhekk, mill-1 ta' Lulju 2020, il-kwota tariffarja għall-Kategorija ta' prodotti 1 se tikkonsisti minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż għal dawk il-pajjiżi li l-livell ta' importazzjonijiet tagħhom f'din il-kategorija jkun laħaq mill-inqas 5 % fil-perjodu referenzjarju rilevanti 2015-2017 ([24]), u minn kwota globali residwa għall-bqija. Din il-kwota tariffarja tiġi amministrata b'mod trimestrali, kif spjegat fit-Taqsima 3.2.1 hawn fuq. Minkejja dan, il-limitu massimu ta' sehem ta' 30 % għal kwalunkwe pajjiż tal-esportazzjoni se jkompli japplika għall-użu tal-kwota residwa fir-raba' trimestru, biex jiġu evitati effetti ta' esklużjoni ([25]).

(50) Il-Kummissjoni għadha tqis li s-sistema standard ta' kwoti tariffarji li tikkombina kwoti speċifiċi għall-pajjiż u kwoti residwi hija l-aktar sistema xierqa biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini kemm ta' volumi kif ukoll ta' oriġini ([26]). Għalhekk, huwa fl-interess ġenerali tal-Unjoni li din tiġi implimentata f'din il-kategorija ta' prodotti malli jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għaliha.

(b) Kategorija 8 (Pjanċi u strixxi tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana)

(51) Minn meta twettqet l-investigazzjoni tar-rieżami preċedenti, il-Kummissjoni osservat li seħħew bosta bidliet importanti li jaffettwaw din il-kategorija. L-ewwel nett, fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni imponiet miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' din il-kategorija ta' prodotti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Indoneżja u mit-Tajwan ([27]). It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonfermat użu baxx ħafna konsistenti tal-

([24]) Minkejja li kellu mill-inqas 5 % tal-importazzjonijiet fil-perjodu rilevanti, l-Iran ma għandux kwota speċifika għall-pajjiż. Ir-raġuni hija li minħabba l-miżuri anti-dumping stabbiliti, dan prattikament waqaf jesporta lejn l-Unjoni – is-sehem fl-importazzjoni naqas għal 0,05 % fl-2019 – u għalhekk huwa probabbli ħafna li jekk jinġħata kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż, din fil-biċċa l-kbira tibqa' ma tintużax. Min-naħa l-oħra, ir-Russja għad għandha kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż minħabba li, minkejja l-miżuri anti-dumping stabbiliti, hija baqgħet tesporta volumi sinifikanti b'mod konsistenti.

([25]) Ara t-Taqsima 3.2.3.d.

([26]) Ara l-Premessa (146) tar-Regolament definittiv u l-Premessa (17) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami.

([27]) ĠU L 110, 8.4.2020, p. 3.

kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż mill-Istati Uniti tal-Amerka ([28]). B'riżultat ta' dan, erbgħa mill-ħames l-akbar pajjiżi tal-esportazzjoni taħt din il-kategorija huma attwalment suġġetti għal miżuri kummerċjali differenti. Għalhekk huwa mistenni li dawk il-pajjiżi ma jibqgħux jesportaw lejn l-Unjoni fil-livelli storiċi tagħhom.

Kummenti minn partijiet interessati

(52) Xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tintroduċi limitu massimu fil-kwota residwa għal din il-kategorija. Partijiet interessati oħra talbu li l-Kummissjoni tittrasferixxi għall-kwota residwa dawk il-volumi ta' kwoti speċifiċi għall-pajjiż li juru livell baxx ħafna ta' użu.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(53) Abbażi taċ-ċirkustanzi mibdula deskritti fil-Premessa(51)), li jikkawżaw riskju ta' nuqqas fil-provvista fis-suq tal-Unjoni għal din il-kategorija ta' prodotti, u f'konformità mal-approċċ meħud f'kategoriji ta' prodotti oħra minn meta ġew adottati l-miżuri definittivi, il-Kummissjoni ssib li huwa fl-interess tal-Unjoni li tittrasferixxi lejn il-kwota tariffarja residwa l-volumi tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż tal-pajjiżi kollha suġġetti għal tipi differenti ta' miżuri ([29]) ta' difiża kummerċjali. Dan l-aġġustament se jiżgura li l-volumi kummerċjali tradizzjonali ma jiġux affettwati mill-miżuri attwali u li l-utenti tal-Unjoni jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex jibdlu l-oriġini tal-provvista, jekk dan ikun meħtieġ.

(54) Għalhekk, il-kwota tariffarja għall-kategorija ta' prodotti 8 se ssir kwota tariffarja globali amministrata fuq bażi trimestrali mill-1 ta' Lulju 2020.

(c) Kategorija 25 – Tubi iwweldjati kbar

(55) Il-Kummissjoni tfakkar ir-raġunament wara l-globalizzazzjoni ta' din il-kwota tariffarja u tirreferi għall-ispjegazzjonijiet ipprovduti fil-Premessi (54) sa (59) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami.

Kummenti minn partijiet interessati

(56) Ċerti partijiet interessati talbu xi tibdil f'din il-kategorija. B'mod partikolari, il-partijiet talbu li jerġgħu lura għal sistema ta' kwoti kkombinati magħmula minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż u kwoti residwi. Barra minn hekk, xi partijiet talbu wkoll li din il-kwota tariffarja tinqasam f'żewġ sottokategoriji biex jiġu indirizzati aħjar l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti miġbura taħt din il-kategorija.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(57) Fl-analiżi tagħha taħt dan it-tieni Rieżami, il-Kummissjoni osservat (abbażi ta' sett ta' *data* mhux disponibbli fi żmien l-investigazzjoni tal-ewwel Rieżami) xejra pjuttost anormali ta' flussi ta' importazzjoni ([30]) taħt din il-kategorija waħdanija, li tvarja sinifikattivament mill-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini tal-volumi u l-oriġini u li tirriskja l-ħolqien ta' żbilanċi fis-suq tal-Unjoni.

(58) Il-Kummissjoni tosserva li aktar minn 70 % tal-volum totali tal-kwota tariffarja ta' din il-kategorija tikkorrispondi għal flussi kummerċjali storiċi li jirriżultaw minn għadd ta' tipi ta' prodotti li prinċipalment jintużaw fi proġetti kbar ta' inġinerija. B'kuntrast ma' dan, l-użu effettiv tal-kwota tariffarja f'din il-kategorija ta' prodotti turi li ċerti pajjiżi qed jużawha biex jesportaw, ferm aktar mill-volumi kummerċjali tradizzjonali tagħhom, tipi ta' prodotti li ma jintużawx fi proġetti kbar tal-inġinerija (xi drabi 10 darbiet aktar), u dan għad-detriment ta' atturi oħra fis-suq, kemm domestiċi kif ukoll pajjiżi tal-esportazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li s-sistema attwali ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji wasslet għal sitwazzjoni ta' esklużjoni mhux dovuta.

(59) Fin-nuqqas ta' aġġustament, jekk ikun hemm proġetti kbar ta' inġinerija li jeħtieġu tubi speċifiċi matul it-tielet sena tal-miżuri, huma jirriskjaw li ma jkunux jistgħu jakkwistaw il-volumi kollha ta' kwota tariffarja li għandhom jikkorrispondu għal dawn it-tubi speċjali, billi dawn jiġu esklużi minn importazzjonijiet oħra.

([28]) Il-Kummissjoni tosserva li f'din il-kategorija ta' prodotti, l-Istati Uniti tal-Amerka huma suġġetti għal dazju ta' 25 % li jirriżulta mill-miżuri ta' riekwilibriju tal-Unjoni: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/may/tradoc_156909.pdf

([29]) L-Indoneżja hija suġġetta għal miżuri antidumping proviżorji; madankollu, ma għandhiex kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż. Il-volumi tal-kwoti tariffarji speċifiċi għall-pajjiż li ġew trasferiti jappartjenu għall-kwoti tariffarji speċifiċi għall-pajjiż: taċ-Ċina, tat-Tajwan u tal-Istati Uniti tal-Amerka.

([30]) Wieħed mill-eżempji huwa l-kodiċi NM: 7305 19 00, li esperjenza żieda ta' kważi 300 % fl-2019 fir-rigward tal-importazzjonijiet medji fil-perjodu 2015-2017.

(60) Kif meħtieġ, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġi introdott aġġustament għat-tfassil attwali tal-kwota, biex jiġi evitat l-iżbilanċ mhux mixtieq imsemmi hawn fuq. L-aktar mod xieraq biex tiġi indirizzata b'mod effettiv is-sitwazzjoni ta' hawn fuq huwa li din il-kategorija tinqasam fi tnejn: l-ewwel sottokwota tariffarja (Kategorija 25A) għandha tinkludi dawk il-kodiċijiet NM li normalment jintużaw fi proġetti kbar ta' inġinerija ([31]), u t-tieni sottokwota tariffarja (Kategorija 25B) għandha tinkludi l-kodiċijiet NM li jifdal li ma jintużawx f'dawn il-proġetti ([32]). Il-qasma hija sempliċi u ma jidhirx li toħloq xi piż sproporzjonat għall-awtoritajiet doganali.

(61) Rigward l-amministrazzjoni ta' dawn is-sottokategoriji, il-kategorija ta' prodotti 25A se jikkonsisti minn kwota tariffarja globali unika biex l-offerenti potenzjali kollha fi proġetti ta' skala kbira, kif deskritt fl-ewwel Regolament tar-Rieżami, ikollhom opportunitajiet indaqs ([33]). Il-Kategorija ta' prodotti 25B se tikkonsisti minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż għal dawk il-pajjiżi li jilħqu sehem medju fl-importazzjoni ta' mill-inqas 5 % fil-perjodu referenzjarju 2015-2017, u kwota residwa għall-bqija.

(62) Il-Kummissjoni tqis li l-qasma tal-kwota tariffarja għal din il-kategorija ta' prodotti kieku tirrifletti b'mod aktar preċiż il-flussi storiċi tal-importazzjoni li jikkorrispondu għaż-żewġ sottokategoriji ta' tubi u, b'dan il-mod, tiżgura funzjonament aktar ġust tal-kwota. Il-qasma se tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-volumi meħtieġa għal kwalunkwe proġett kbir ta' inġinerija fl-Unjoni matul il-ħajja li fadal tal-miżuri, li kieku kienu jiġu esklużi minn tipi ta' prodotti oħra. Dan l-iżbilanċ imur kontra l-interess tal-Unjoni u l-objettiv, taħt il-miżuri ta' salvagwardja, tal-preservazzjoni kemm jista' jkun tal-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u oriġini.

(d) Kategorija 4B (Pjanċa miksija bil-metall li tintuża primarjament fis-settur awtomobilistiku)

(63) Fil-Premessa (8) tar-Regolament dwar l-użu finali, il-Kummissjoni osservat li "[hija] għadha tal-fehma li, fl-interess tal-Unjoni, jista' jkun hemm bżonn, fi stadju ulterjuri, mekkaniżmu speċifiku – il-proċedura tal-użu aħħari (ladarba l-kwistjonijiet rigward l-implimentazzjoni jiġu solvuti) jew inkella sistema alternattiva – ikun kif ikun stabbilit, sabiex jiġu delimitati l-importazzjonijiet tal-gradi tal-azzar għas-settur awtomobilistiku taħt il-kategorija ta' prodotti 4B. Għaldaqstant dawn il-kwistjonijiet se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest ta' investigazzjoni ta' rieżami fil-futur, abbażi tal-kummenti u l-proposti magħmula mill-partijiet interessati, kif ukoll ta' żviluppi oħra li jolqtu din il-kategorija ta' prodotti".

(64) Kif meħtieġ, il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-kummenti riċevuti fir-rigward ta' kull proposta għal mekkaniżmu speċifiku f'din il-kategorija ta' prodotti.

Kummenti minn partijiet interessati

(65) Il-partijiet interessati li ssottomettew xi kummenti dwar din il-kategorija ġeneralment qablu li kien importanti li jiġu preservati l-volumi ta' importazzjoni meħtieġa ta' azzar użat fil-karozzi. Għal dan il-għan, huma ssottomettew talbiet differenti. Xi partijiet interessati talbu li jidentifikaw il-prodotti importati għall-użu fis-settur awtomobilistiku permezz ta' "awtodikjarazzjoni" jew li jdaħħlu r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera biss mal-produzzjoni ta' "dokument ta' dħul" maħruġ mill-awtorità kompetenti ddeżinjat mill-Istati Membri u bbażat fuq applikazzjoni minn importatur tal-Unjoni. Xi partijiet interessati talbu wkoll ir-riallokazzjoni ta' volumi mhux użati ta' kwoti tariffarji mill-Kategorija 4A għal ġol-Kategorija 4B, u l-introduzzjoni ta' limitu massimu ta' 30 % fl-aħħar trimestru ta' perjodu, biex jiġi evitat li gradi mhux awtomobilistiċi jkomplu jużaw parti mil-kwota tariffarja, u b'hekk jispostaw il-gradi awtomobilistiċi. Fl-aħħar nett, xi partijiet interessati talbu lill-Kummissjoni biex tfassal sistema alternattiva għall-użu finali, iżda li sservi l-istess għan, u saħansitra biex terġa' tintroduċi l-mekkaniżmu tal-użu finali, filwaqt li oħrajn opponew ferm ir-ritorn tal-mekkaniżmu tal-użu finali.

Analiżi tal-Kummissjoni

(66) L-ewwel nett, il-Kummissjoni għadha tal-fehma li jkun ta' vantaġġ li jiġu esplorati alternattivi għad-delimitazzjoni ulterjuri, jekk fattibbli, tal-importazzjonijiet ta' azzar awtomobilistiku taħt il-Kategorija 4B. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-proposti riċevuti u laħqet il-konklużjonijiet li ġejjin.

([31]) Kodiċijiet NM: 7305 11 00 u 7305 12 00
([32]) Kodiċijiet NM: 7305 19 00, 730520000, 7305 31 00, 7305 39 00 u 7305 90 00
([33]) Ara l-Premessi (54) sa (59) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami

(67) L-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-użu finali ma ħadmitx kif mistenni, kif deskritt fid-dettall fir-Regolament dwar l-użu finali. Il-Kummissjoni ma rat l-ebda evidenza li tindika li ċ-ċirkustanzi li wasslu għar-revoka tiegħu nbidlu, biex b'hekk l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dan il-mekkaniżmu tkun soluzzjoni effettiva. Konsegwentement, il-Kummissjoni għalhekk qieset li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-mekkaniżmu tal-użu finali mhijiex xierqa.

(68) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li minkejja l-possibbiltà li jsiru osservazzjonijiet dwar il-kummenti ta' partijiet oħra, ma kienx hemm proposta li attirat livell minimu ta' appoġġ fost il-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri. Abbażi tal-esperjenza tal-mekkaniżmu tal-użu finali, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi implimentat mekkaniżmu effettiv alternattiv f'din il-kategorija ta' prodotti, huwa fundamentali li l-parteċipanti kollha fil-katina ta' provvista kumplessa tas-settur awtomobilistiku jimpenjaw lilhom infushom b'mod inekwivoku biex jikkooperaw fl-Istati Membri kollha biex dan isir fattibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li ma jidher li l-ebda wieħed mill-mekkaniżmi ta' deliminazzjoni proposti ma jimmobilizza l-maġġoranza tal-parteċipanti biex b'hekk ikollu xi possibbiltajiet ta' suċċess.

(69) Kif meħtieġ, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timplimentax xi mekkaniżmu partikolari ġdid għal din il-kategorija ta' prodotti u li tevita l-effetti negattivi ħafna li għal darb'oħra jista' jikkawża n-nuqqas ta' aderenza suffiċjenti.

(70) B'sodisfazzjon, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-ksib ta' awtorizzazzjoni għall-użu finali huwa fattibbli meta jkun hemm kooperazzjoni effettiva fost il-partijiet interessati rilevanti kollha. Il-Kummissjoni tirreferi għas-sitwazzjoni speċifika ta' parti interessata li rċeviet l-awtorizzazzjoni għall-użu finali mill-awtoritajiet ta' Stat Membru tal-UE fi tmiem April 2020. Sfortunatament, il-Kummissjoni ma tistax timplimenta b'mod effettiv ġestjoni speċifika tal-kwota tariffarja li tkun applikabbli għal kumpanija waħda biss.

(71) It-tieni nett, meta jitqies l-użu tal-kwota tariffarja għall-Kategorija 4B, il-Kummissjoni osservat influss massiv ta' importazzjonijiet diħlin fis-suq tal-Unjoni mal-ftuħ tal-kwota residwa fir-raba' trimestru fl-1 ta' April 2020, li malajr eżawrixxa l-kwota residwa inizjalment disponibbli. Din is-sitwazzjoni tixbaħ lil dik tal-1 ta' Lulju 2019, meta l-kwoti l-ġodda għat-tieni sena tal-miżuri kienu miftuħa u l-kwota annwali speċifika għall-pajjiż ġiet eżawrita f'jum wieħed. F'dan ir-rigward, diversi partijiet interessati komplew iwissu lill-Kummissjoni li l-biċċa l-kbira minn dawn il-volumi ma jkunux qed jaqdu lill-industrija awtomobilistika tal-Unjoni. Fir-rigward ta' dawk id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni tosserva li l-ebda parti interessata oħra ma kkontestat is-sottomissjonijiet li saru f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li hija qed twettaq investigazzjoni antiċirkomvenzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' din il-kategorija ta' prodotti mir-RPĊ abbażi ta' evidenza suffiċjenti li ssostni l-veraċità tal-allegazzjonijiet li l-importazzjonijiet taħt il-kategorija 4B jistgħu fil-fatt ma jikkorrispondux ma' din il-kategorija ta' prodotti.

(72) Kif meħtieġ, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġi introdott aġġustament biex jiġi evitat li volumi kbar mhux tas-soltu ta' tipi mhux awtomobilistiċi tal-Kategorija 4 jkomplu jispostjaw b'mod mhux dovut il-flussi tradizzjonali tal-provvista lill-industrija awtomobilistika tal-UE. Dan l-aġġustament huwa żviluppat fit-Taqsima 3.2.3. hawn taħt.

3.2.3. *"Esklużjoni" ta' flussi kummerċjali tradizzjonali*

(73) Fil-Premessa (150) tar-Regolament definittiv, il-Kummissjoni stabbiliet li dawk il-pajjiżi li jkunu eżawrew il-kwota speċifika għall-pajjiż ikunu jistgħu jaċċessaw il-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu. L-objettiv ta' dan il-mekkaniżmu kien li jiġi evitat li l-volumi tal-kwoti residwi potenzjalment jibqgħu ma jintużawx. Fil-Premessi (85) sa (98) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami, il-Kummissjoni vvalutat il-funzjonament ta' din il-karatteristika, billi identifikat ċerti effetti ta' esklużjoni u, kif meħtieġ, aġġustat il-funzjonament ta' din il-karatteristika tal-miżuri għal żewġ kategoriji ta' prodotti ([34]).

Kummenti minn partijiet interessati

(74) Fil-qafas tar-Rieżami attwali, ħafna partijiet interessati ssottomettew kummenti u proposti biex jindirizzaw l-allegati effetti ta' esklużjoni li jkunu qed iseħħu f'bosta kategoriji ta' prodotti. Xi partijiet talbu l-impożizzjoni ta' limiti massimi fuq ċerti kategoriji ta' prodotti għal dawk il-pajjiżi li jaċċessaw il-kwoti residwi fl-aħħar trimestru. Xi partijiet talbu wkoll it-tnaqqis tal-livelli massimi eżistenti f'żewġ kategoriji ta' prodotti, u l-eliminazzjoni għalkollox tal-possibbiltà li l-pajjiżi jaċċessaw il-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu. B'mod simili, xi partijiet oħra ssuġġerew li jiġi impost limitu massimu għall-użu tal-kwoti (speċifiċi għall-pajjiż jew residwi) minn pajjiż speċifiku u li jitħalla aċċess għall-kwota residwa biss fir-rigward tal-volumi mhux użati riportati li jkunu ġew trasferiti mit-trimestru preċedenti.

([34]) L-aġġustament li japplika għall-kategoriji ta' prodotti 13 u 16 kien jikkonsisti minn limitu massimu ta' 30 % tal-volum inizjali fi Q4 għal dawk il-pajjiżi li kienu suġġetti għal kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż. Għal aktar dettalji ara l-Premessi (88) sa (96) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami.

(75) Fuq in-naħa l-oħra, partijiet oħra talbu li jiġu eliminati l-limiti massimi u li jiġi permess aċċess illimitat fl-aħħar trimestru, jew għall-inqas li jinżamm l-i*status quo*. Barra minn hekk, xi partijiet talbu li l-pajjiżi li jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż għandhom jitħallew jaċċessaw il-kwoti residwi immedjatament, hekk kif dawn tal-ewwel jiġu eżawriti, mingħajr ma jistennew l-aħħar trimestru ta' perjodu.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(76) F'kuntrast mal-investigazzjoni tal-ewwel Rieżami, taħt it-tieni Rieżami il-Kummissjoni tista' tivvaluta perjodu ta' applikazzjoni sostanzjalment itwal tal-miżuri definittivi biex twettaq l-analiżi tagħha: hija disponibbli d-*data* ta' ħames trimestri ([35]). Għalhekk, il-Kummissjoni issa setgħet tivvaluta b'mod aktar preċiż u affidabbli x'kienu x-xejriet effettivi tal-importazzjonijiet, f'volumi u f'oriġini, taħt il-kwoti residwi fuq bażi ta' kategorija b'kategorija.

(77) L-ewwel nett, il-Kummissjoni setgħet tivvaluta x'inhu l-użu tipiku tal-kwota residwa kull trimestru mill-pajjiżi li huma l-benefiċjarji attwali ta' din is-sezzjoni tal-kwota tariffarja. F'dan ir-rigward, minn naħa waħda l-Kummissjoni kkalkulat l-użu medju tal-kwota residwa (globali u skont l-oriġini) f'kull wieħed mill-erba' trimestri fejn sa issa l-pajjiżi li jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż ma setgħux jaċċessaw is-sezzjoni residwa. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni qabblet dan l-użu tipiku mal-użu effettiv (globali u skont l-oriġini) fir-raba' trimestru meta tabilħaqq l-akbar pajjiżi tal-esportazzjoni jistgħu jużaw is-sezzjoni residwa tal-kwota tariffarja ([36]).

(78) Abbażi tat-tqabbil imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni laħqet il-konklużjoni li l-aċċess għall-kwota residwa fir-raba' trimestru ta' perjodu ma jistax jibqa' s-sistema standard, billi dan qed jikkawża effetti ta' esklużjoni mhux dovuti f'livelli differenti u f'bosta kategoriji ta' prodotti. Minflok, l-aċċess għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu għandu jkun permess, jew le, abbażi tal-użu tipiku attwali mill-benefiċjarji attwali tal-kwota residwa, kif deskritt fil-premessa preċedenti.

(79) Sabiex tfassal is-sistema ta' aċċess għall-kwota residwa fir-raba' trimestru ta' perjodu b'mod effettiv u proporzjonali, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li l-aġġustamenti japplikaw biss għal dawk il-kategoriji ta' prodotti fejn ikunu ġew identifikati effetti ta' esklużjoni negattivi. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni fasslet tliet sistemi differenti li jikkorrispondu għal tliet sistemi ta' aċċess differenti għall-kwota residwa għall-kategoriji ta' prodotti kollha. Dawn it-tliet sistemi jiddependu fuq il-grad ta' effetti ta' esklużjoni osservati, għajr il-Kategoriji 1, 4B, 8 u 25A, li għandhom is-sistema ta' amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji proprja tagħhom (ara, rispettivament, it-Taqsima 3.2.2.a u t-Taqsima 3.2.3.d, it-Taqsima 3.2.2.d u t-Taqsima 3.2.3.d, u t-Taqsima 3.2.2.c u t-Taqsima 3.2.3.d).

Sistema 1: L-ebda aċċess ulterjuri

(80) F'għadd ta' kategoriji, tul it-trimesti vvalutati, l-iżgħar pajjiżi fornituri wrew b'mod konsistentili huma awtosuffiċjenti biex jagħmlu użu sħiħ jew għoli ħafna mill-volumi disponibbli taħt il-kwota residwa. Barra minn hekk, huwa ċar li l-imġiba osservata tal-akbar pajjiżi tal-esportazzjoni f'dawn il-kategoriji matul ir-raba' trimestru ħolqot spostament mhux dovut ta' bosta volumi storiċi, jew saħansitra tal-volumi storiċi kollha, tal-iżgħar pajjiżi fornituri. F'dan il-każ, bil-ħsieb li jiġu ppreservati b'mod effettiv il-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li l-pajjiżi li jibbenefikaw minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż jiġu pprojbiti minn aċċess ulterjuri għall-kwota residwa fir-raba' trimestru matul it-tielet sena tal-miżuri. L-ebda aċċess ulterjuri se japplika għall-kategoriji: 5, 16, 20 u 27 ([37]). Ir-rekord tal-użu medju tal-kwota residwa f'kull trimestru fl-imgħoddi jindika biċ-ċar li f'dawn il-kategoriji r-riskju li proporzjon minnha jibqa' ma jintużax huwa baxx ħafna.

Sistema 2: Aċċess limitat

(81) F'sensiela ta' kategoriji oħra, l-użu medju tal-kwota juri li filwaqt li l-pajjiżi fornituri attwali taħt il-kwota residwa jużawha b'mod raġonevoli, huma waħidhom mhumiex kapaċi jużaw il-volumi disponibbli bis-sħiħ jew f'livell għoli. Għalhekk, l-aċċess fir-raba' trimestru mill-akbar pajjiżi tal-esportazzjoni għadu ġustifikat. Minkejja dan, l-analiżi dettaljata tal-użu tal-kwota residwa f'dawn il-każijiet turi li l-aċċess mhux ristrett jikseb bilanċ finali inġust f'termini

([35]) Frar-Marzu 19, April-Ġunju 19, Lulju-Settembru 19, Ottubru-Diċembru 19, Jannar-Marzu 20.

([36]) Għall-finijiet ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni qagħdet prinċipalment fuq id-data għat-trimestru sħiħ ta' April Ġunju 19, u fejn kien possibbli mid-*data* disponibbli fi żmien l-abbozzar ta' dan ir-Regolament, hija laħqet ukoll xi konklużjonijiet mill-użu tal-kwota tariffarja fit-trimestru ta' April-Ġunju 20.

([37]) Il-kwota tariffarja medja użata mill-pajjiżi riċeventi kienet tvarja bejn 96 % u 100 %.

tal-oriġini. B'mod partikolari, kienet karatteristika komuni osservata li s-sehem fl-importazzjoni tal-iżgħar pajjiżi fornituri attwali fir-raba' trimestru dejjem kien taħt il-medja tagħhom fit-trimestri preċedenti. Dan l-iżbilanċ kien ir-riżultat dirett tal-preżenza esklużjonarja ta' dawk l-akbar pajjiżi tal-esportazzjoni li kienu eżawrew il-kwoti speċifiċi għall-pajjiż tagħhom, u b'hekk dan irriżulta f'effetti ta' esklużjoni mhux dovuti li jmorru kontra l-interess tal-Unjoni li tippreserva kemm jista' jkun il-flussi kummerċjali f'termini ta' oriġini ([38]).

(82) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-entrata meħtieġa f'dawn il-każijiet ma tipproduċix spostament mhux dovut fil-flussi kummerċjali tradizzjonali mill-iżgħar pajjiżi fornituri attwali, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġi limitat l-aċċess għall-kwoti residwi minn pajjiżi li jibbenefikaw minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż li jkunu ġew eżawriti. Dan l-aċċess se jkun limitat biss għal dawk il-volumi li jaqbżu l-kwota medja użata mill-pajjiżi fornituri iżgħar matul l-erba' trimestri ([39]). Dan l-aġġustament se japplika għall-kategoriji ta' prodotti: 10, 12, 13, 14, 15, 21, 22, u 28 ([40]).

Sistema 3: Jinżamm l-istatus quo

(83) Għall-kategoriji li jifdal, il-Kummissjoni tqis li abbażi tax-xejriet osservati, li ma juru l-ebda spostament mhux dovut tal-oriġini, huwa fl-interess tal-Unjoni li żżomm l-i*status quo*, jiġifieri li jingħata l-aċċess fir-raba' trimestru mingħajr limitazzjoni għall-benefiċjarji ta' kwoti speċifiċi għall-pajjiż li jkunu ġew eżawriti. Madankollu, sabiex tkun żgurata l-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali mill-benefiċjarji attwali tal-kwota resdidwa, kwoti mhux użati riportati se jittwardbu għalihom. Dan l-aċċess illimitat imbagħad japplika għall-Kategoriji: 2, 3A, 3B, 4A, 6, 7, 9, 17, 18, 19, 24, 25B, u 26 ([41]).

Każijiet speċjali: Kategoriji ta' Prodotti 1,4B, 8 u 25A

(84) Għal diversi raġunijiet, l-approċċ deskritt hawn fuq ma jistax jiġi applikat għall-kategoriji ta' prodotti 1, 4B, 8 u 25A.

(85) Minn meta ġew imposti l-miżuri definittivi u sal-infurzar tal-aġġustament il-ġdid skont din ir-Rieżami, il-Kategorija ta' prodotti 1 kien suġġett għal sistema ta' kwota tariffarja globali. Dan jipprevieni t-tip ta' analiżi tal-esklużjoni mwettqa għall-kategoriji ta' prodotti taħt a) sa c) hawn fuq.

(86) Madankollu, skont l-ewwel Regolament tar-Rieżami, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li limitu massimu ta' 30 % għal kull trimestru kien jippermetti l-preservazzjoni kemm jista' jkun tal-volumi kummerċjali tradizzjonali, kemm f'termini ta' volum kif ukoll ta' oriġini. Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li ż-żamma tal-limitu massimu ta' 30 % tal-kwota residwa inizjalment disponibbli fil-bidu tar-raba' trimestru għadha l-aħjar mezz xieraq biex jiġi evitat li l-pajjiżi li se jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż f'din il-kategorija, wara l-aġġustament individwali deċiż skont dan ir-Rieżami, jeskludu lil dawk li attwalment jużaw il-kwota residwa li għadha kemm inħolqot.

(87) Rigward il-Kategorija ta' prodotti 4B, il-mekkaniżmu tal-użu finali kien stabbilit għal żewġ trimestri: Ottubru-Diċembru 2019 u parzjalment matul Jannar-Marzu 2020. Minn meta ġie impost dan il-mekkaniżmu, il-pajjiżi tal-esportazzjoni ffaċċjaw ostakli serji biex jesportaw lejn l-Unjoni. Konsegwentement, il-livell tal-importazzjonijiet kien baxx b'mod anormali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma għandhiex l-istess sett ta' *data* fuq terminu itwal biex twettaq il-valutazzjoni tal-esklużjoni bħal dik li twettqet għall-kategoriji ta' prodotti taħt a) sa c) hawn fuq.

(88) Minkejja dan, id-*data* disponibbli mir-raba' trimestru tal-2019 u tal-2020 turi biċ-ċar li qed iseħħu xi effetti ta' esklużjoni. Fil-fatt, fil-bidu taż-żewġ trimesti, virtwalment l-ammont sħiħ tal-kwota residwa intuża biss minn pajjiż tal-esportazzjoni wieħed li jibbenefika minn kwota speċifika għall-pajjiż. Għalhekk, biex jiġu evitati effetti ta' esklużjoni mhux dovuti u biex jiġu ppreservati l-flussi kummerċjali storiċi f'termini ta' oriġini, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tintroduċi limitu massimu ta' 30 % f'din il-kategorija b'referenza għall-ammont inizjalment disponibbli fil-bidu tar-raba' trimestru għall-aċċess ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn kwoti speċifiċi għall-pajjiż li jkunu ġew eżawriti.

([38]) Ara l-Anness III għall-volumi permessi fil-kategoriji rilevanti tal-prodott

([39]) Jekk l-użu medju ta' kwota tariffarja mill-pajjiżi attwali taħt il-kwota tariffarja residwa f'kategorija partikolari tkun eż. 70 % fuq l-erba' trimestri vvalutati, dan ifisser li l-pajjiżi li jaċċessaw il-kwota tariffarja residwa fi Q4 jkunu jistgħu jesportaw biss, bħala massimu, 30 % tal-volumi tal-kwota tariffarja residwa inizjalment disponibbli fi Q4.

([40]) L-użu residwu medju tal-kwota tariffarja għal dawn il-kategoriji fit-trimestri rilevanti kien ta': 70 % (il-kategorija 10), 40 % (il-kategorija 12), 73 % (il-kategorija 13), 44 % (il-kategorija 14), 25 % (il-kategorija 15), 79 % (il-kategorija 21), 19 % (il-kategorija 22), 29 % (il-kategorija 28).

([41]) Ara l-Anness III għall-volumi permessi fil-kategoriji rilevanti tal-prodott

(89) Fl-aħħar nett, billi mill-1 ta' Lulju 2020 il-kategoriji 8 u 25A se jikkonsistu minn kwota tariffarja globali biss, din is-sistema ma tapplikax għalihom.

3.2.4. *Effetti detrimentali potenzjali fil-ksib tal-objettivi ta' integrazzjoni mixtieqa ma' sħab kummerċjali preferenzjali*

(90) Fir-Regolament definittiv, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li tivvaluta jekk il-funzjonament tal-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar jikkawżax xi riskju sostanzjali għall-istabbilizzazzjoni jew l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti sħab kummerċjali preferenzjali sa punt fejn dan ikun ta' ħsara għall-objettivi ta' integrazzjoni tal-ftehimiet tagħhom mal-Unjoni. Fl-ewwel Regolament tar-Rieżami, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' salvagwardja ma kinux jikkawżaw effett detrimentali fil-ksib tal-objettivi ta' integrazzjoni. L-istess Regolament stabbilixxa wkoll fil-Premessa (106) tiegħu li "l-kapaċità tal-pajjiżi li jesportaw lejn l-UE ma kinitx limitata b'mod eċċessiv bil-miżuri".

Kummenti minn partijiet interessati

(91) Bosta partijiet interessati, b'mod partikolari gvernijiet ta' pajjiżi terzi, issottomettew xi kummenti taħt din it-taqsima tan-Notifika ta' Bidu. Ċerti pajjiżi talbu li jiġu eżentati mill-miżuri jew li jirċievu trattament preferenzjali. F'dan ir-rigward, kien hemm talbiet biex il-Balkani tal-Punent jiġu eżentati mill-miżuri ta' salvagwardja, billi dawn jistgħu jaffettwaw l-iżvilupp tal-industrija tal-azzar tagħhom u b'hekk jiġi kkawżat impatt negattiv sinifikanti għall-ekonomiji domestiċi tagħhom li jista' jikkompromett l-objettivi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ("SAA") iffirmati mal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn il-partijiet interessati ressqu l-argument li l-miżuri ta' salvagwardja kieku jikkawżaw tnaqqis fl-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni, bi tqabbil mal-perjodu qabel l-impożizzjoni tal-miżuri. Għaldaqstant, l-esportaturi kieku jqisu l-waqfien temporanju ta' ċerti faċilitajiet u liv bla ħlas għal għadd kbir mill-impjegati. Xi pajjiżi rreferew għall-fatt li effettivament qed josservaw ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-industrija tal-azzar u li, għalhekk, dan għandu jagħtihom aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-suq tal-Unjoni mingħajr dazju. Talbiet oħra għal eżenzjoni jew għal trattament preferenzjali, li jaffettwaw diversi pajjiżi terzi, kienu bbażati fuq dispożizzjonijiet differenti tal-ftehimiet bilaterali rilevanti mal-Unjoni.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(92) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar ir-raġunament li hija żviluppat fl-ewwel Regolament tar-Rieżami li l-ftehimiet bilaterali kollha msemmija mill-partijiet interessati f'din it-taqsima jippermettu l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja bħal dawk attwali. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tinsab taħt l-ebda obbligu legali biex teżentahom mill-miżuri. It-tieni nett, skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati għall-prodott taħt investigazzjoni li jkun qed jiġi importat, irrispettivament mis-sors. Kif diġà ġie osservat fl-ewwel Regolament tar-Rieżami, l-"uniċi eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli jikkonċernaw is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti membri ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew – skont il-każ – l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali". Għalhekk, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha li ma hemmx bażijiet ġuridiċi biex hija teskludi xi wieħed minn dawn il-pajjiżi mill-miżuri ta' salvagwardja.

(93) Kif ġie osservat fil-Premessa (99) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami, l-impenn għar-rieżami tal-miżuri rigward aspetti speċifiċi deskritti fil-Premessa (90), kien jirreferi b'mod partikolari għal pajjiżi li magħhom il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet SAA.

(94) Rigward dawn il-pajjiżi, il-Kummissjoni l-ewwel wettqet valutazzjoni li tħares lura tal-prestazzjoni tagħhom fl-esportazzjoni matul it-tieni sena tal-miżuri, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2019. Din l-analiżi turi li f'dawk il-kategoriji ta' prodotti fejn dawn il-pajjiżi jibbenefikaw minn kwota speċifika għall-pajjiż, huma ġeneralment xorta waħda kellhom volumi mhux użati disponibbli taħt il-kwota ddedikata tagħhom fl-aħħar trimestru tal-perjodu. Barra minn hekk, għal dawk il-kategoriji ta' prodotti fejn sussegwentement setgħu eżawrew il-kwota speċifika għall-pajjiż tagħhom, fil-maġġoranza tal-każijiet, inklużi kategoriji identifikati minn xi wħud minn dawn il-pajjiżi bħala kritiċi għall-industriji tagħhom, kien għad hemm volumi sinifikanti disponibbli taħt il-kwota residwa. Dan ifisser li huma ġeneralment kellhom il-possibbiltà li jkomplu jesportaw lil hinn mil-livelli storiċi tagħhom fil-kategoriji ta' prodotti l-aktar rilevanti għalihom. Għal dawk il-kategoriji ta' prodotti fejn, minflok, dawn il-pajjiżi kienu suġġetti għall-kwota residwa, l-analiżi tad-*data* ma wrietx li s-sistema tal-kwoti tariffarji kienet inġenerali qed tillimita l-kapaċità tagħhom biex jesportaw. Fil-fatt, f'ċerti każijiet, il-pajjiżi de facto ma ffaċċjaw l-ebda limitazzjoni skont il-miżuri biex jaqbżu l-livell storiku ta' esportazzjonijiet tagħhom.

(95) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell tal-kwoti tariffarji kien adegwat u proporzjonali biex jiġu preservati l-flussi kummerċjali tradizzjonali, u li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' żieda sostanzjali fid-domanda tal-Unjoni jew bidla fiċ-ċirkustanzi ta' xi tip ieħor li jiġġustifikaw bidla f'dak il-livell mingħajr ma tiġi affettwata l-effettività tal-miżuri attwali.

(96) Il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi li tħares 'il quddiem u qieset kif l-aġġustamenti inklużi f'dan ir-Regolament jistgħu potenzjalment jaffettwaw l-istabbilizzazzjoni jew l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni attwali fis-suq u l-prospettivi għall-futur qarib, kif deskritt fit-Taqsima 3.1 hawn fuq.

(97) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar, l-ewwel nett, li għall-kuntrarju tat-talbiet tal-industrija tal-Unjoni, f'dan it-tieni Rieżami l-Kummissjoni ma naqqsitx il-livell tal-kwoti tariffarji, billi ma kinitx taħt l-ewwel Rieżami, u t-tieni, li dawn il-kwoti tariffarji se jiġu liberalizzati ulterjorment għat-tieni darba b'żieda ġdida ta' 3 % mad-dħul fis-seħħ tal-aġġustamenti skont dan it-tieni Rieżami ([42]). Dan ifisser li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent se jibbenefikaw minn kwoti akbar speċifiċi għall-pajjiż u ġeneralment se jkomplu jkollhom aċċess għall-kwoti residwi akbar fl-aħħar trimestru, li se jagħtihom il-possibbiltà li jkomplu jesportaw aktar mil-livelli storiċi tagħhom, kif kien il-każ minn meta ġew imposti l-miżuri definittivi. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-aġġustamenti l-ġodda ta' natura orizzontali rigward l-esklużjoni deskritta fit-Taqsima 3.2.3 u rigward l-esklużjonijiet ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp deskritti fit-Taqsima 3.2.5 se jipproduċu effetti possittivi ġenerali addizzjonali f'xi wħud mill-kategoriji ta' prodotti ta' interess għall-Balkani tal-Punent.

(98) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' salvagwardja la kkawżaw u lanqas wara l-aġġustament tagħhom ma setgħu jipproduċu xi riskju sostanzjali għall-istabbilizzazzjoni jew għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(99) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li l-allegazzjonijiet li saru minn dawk il-partijiet interessati fis-sottomissjonijiet tagħhom ma pprovdewx evidenza li turi dan ir-riskju, jew li tipprovdi xi indikazzjoni rilevanti għalih.

(100) Kif meħtieġ, abbażi tal-valutazzjoni hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza oħra li turi l-kuntrarju, il-Kummissjoni jkollha tirrifjuta l-allegazzjonijiet li saru taħt din it-Taqsima.

3.2.5. *Aġġornament tal-lista ta' pajjiżi membri tad-WTO fil-fażi tal-iżvilupp esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri abbażi ta' statistika aġġornata dwar l-importazzjoni*

(101) Wara l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi bir-Regolament (UE) 2019/159, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha biex tirrevedi, fuq bażi regolari, il-lista ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp potenzjalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri abbażi ta' statistika aġġornata dwar l-importazzjoni.

Kummenti minn partijiet interessati

(102) Fis-sottomissjonijiet riċevuti, xi partijiet interessati talbu li jiġu esklużi mill-miżuri, billi ċertu pajjiż ma kienx se jkompli jaqbeż is-soll ta' 3 % f'kategorija ta' prodotti partikolari. Xi partijiet oħra talbu li ċertu pajjiż ikun suġġett għall-miżuri, billi kien jaqbeż is-soll ta' 3 % f'kategorija partikolari ta' prodotti. Ċerti partijiet interessati talbu li jiġu esklużi f'kategorija ta' prodotti partikolari, billi individwalment pajjiż ikun taħt 3 % anke jekk il-piż globali tal-pajjiżi f'sitwazzjoni bħal din jaqbeż sehem ta' 9 % fl-importazzjoni. Fl-aħħar nett, xi partijiet oħra qiesu li huwa aktar xieraq li l-kalkolu jsir abbażi tas-26 kategorija ta' prodotti kollha flimkien.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(103) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 9.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, "miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx japplikaw għal xi prodott li joriġina minn pajjiż membru tad-WTO fil-fażi tal-iżvilupp dment li s-sehem tiegħu mill-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fl-Unjoni ma jaqbiżx 3 %, u dment li pajjiżi membri tad-WTO fil-fażi tal-iżvilupp b'sehem fl-importazzjoni ta' inqas minn 3 % kollettivament ma jammontawx għal aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li tiġi adattata l-lista ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri, biex jiġi evitat li ċerti pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jibbenefikaw b'mod mhux dovut mill-esklużjoni oriġinali.

(104) Għalhekk, abbażi tad-*data* tas-sena 2019 sħiħa ([43]), il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid is-sehem fl-importazzjoni ta' kull pajjiżi tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kategorija ta' prodott bi prodott ([44]).

([42]) Ara t-Taqsima 3.2.6 ta' dan ir-Regolament.

([43]) Sors: l-Eurostat

([44]) Għall-kalkolu, ma ttieħdux inkunsiderazzjoni l-importazzjonijiet minn pajjiżi esklużi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159.

(105) Abbażi tad-*data* tas-sena 2019 sħiħa, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi li ġejjin, li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri, qabżu s-soll ta' 3 % f'xi kategoriji ta' prodotti. Għalhekk, b'riżultat ta' dan ir-rieżami huma issa għandhom ikunu suġġetti għall-miżuri:

— il-Brażil huwa inkluż fil-kategorija ta' prodotti 3A, billi s-sehem tiegħu fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 23 % fl-2019;

— il-Maċedonja ta' Fuq hija inkluża fil-kategorija ta' prodotti 12, billi s-sehem tagħha fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 3,54 % fl-2019;

— it-Tuneżija hija inkluża fil-kategorija ta' prodotti 4A, billi s-sehem tagħha fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 4,88 % fl-2019;

— it-Turkija hija inkluża fil-kategorija ta' prodotti 6, billi s-sehem tagħha fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 9,77 % fl-2019;

— l-Emirati Għarab Magħquda huma inklużi fil-kategorija ta' prodotti 21, billi s-sehem tagħhom fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 3,28 % fl-2019;

— il-Vjetnam huwa inkluż fil-kategorija ta' prodotti 5, billi s-sehem tiegħu fl-importazzjoni f'din il-kategorija laħaq 4,87 % fl-2019.

(106) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat jekk, għall-kategoriji ta' hawn fuq, il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikkonċernati kieku jikkwalifikawx għal kwota speċifika għall-pajjiż. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni vvalutat jekk, fil-perjodu 2015-2017, l-importazzjonijiet ta' dawn il-kategoriji mill-pajjiżi kkonċernati kinux jammontaw għal mill-inqas 5 % tal-importazzjonijiet totali f'dak il-perjodu fi kwalunkwe kategorija. Ir-riżultat wera li l-ebda wieħed minnhom ma kkwalifika għal kwota speċifika għall-pajjiż. Għalhekk, dawn il-pajjiżi kollha se jaqgħu taħt il-kwota residwa fil-kategoriji ta' prodotti rispettivi.

(107) Rigward esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja, l-eżitu ta' dan ir-rieżami huwa kif ġej:

— il-Brażil huwa eskluż mill-kategoriji ta' prodotti 1, 6 u 7, fejn l-ishma tiegħu fl-importazzjoni fl-2019 ammontaw għal 1,53 %, 1,55 % u 2,25 % rispettivament;

— l-Eġittu huwa eskluż mill-kategorija ta' prodotti 1 fejn l-ishma tiegħu fl-importazzjoni fl-2019 ammontaw għal 1,75 %;

— il-Vjetnam huwa eskluż mill-kategorija ta' prodotti 4A, fejn l-ishma tiegħu fl-importazzjoni fl-2019 ammontaw għal 1,23 %.

(108) Il-kwoti speċifiċi għall-pajjiż li kieku kienu jikkorrispondu ma' dawk il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tad-WTO li se jiġu eskluż mill-miżuri wara r-rieżami (il-Brażil fil-Kategorija 6 u ċ-Ċina fil-kategorija 3A), se jiġu inkorporati fil-kwoti residwi rilevanti f'kull kategorija ta' prodotti kkonċernata mill-bidu tal-ewwel trimestru tat-tielet sena tal-miżuri, jiġifieri l-1 ta' Lulju 2020 ([45]).

(109) Wara dan il-kalkolu mill-ġdid, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' esklużjonijiet abbażi taċ-ċifri aġġornati tal-importazzjoni għal kull waħda mis-26 kategorija ta' prodotti suġġetti għall-miżuri (il-lista aġġornata sħiħa hija mehmuża fl-Anness I).

3.2.6. *Bidliet oħra fiċ-ċirkustanzi li jistgħu jeħtieġu aġġustament fil-livell ta' allokazzjoni tal-kwota tariffarja*

Kummenti mill-partijiet interessati dwar il-liberalizzazzjoni

(110) Taħt dan il-bażi ta'rieżami, il-Kummissjoni rċeviet tipi ta' talbiet differenti ħafna. Is-suġġett prinċipali kien il-livell ta' liberalizzazzjoni. Fid-dawl tat-tnaqqis fid-domanda, l-industrija tal-Unjoni appoġġat tnaqqis tar-rata attwali ta' 3 % u saħansitra l-eliminazzjoni tagħha kompletament. Min-naħa l-oħra, xi partijiet interessati oħra ddikjaraw li l-livell ta' liberalizzazzjoni ddefinit mill-ewwel Regolament tar-Rieżami għandu jew jinżamm jew saħansitra jiżdied, kemm jekk għall-kategoriji ta' prodotti kollha jew inkella għal xi kategoriji ta' prodotti speċifiċi u/jew oriġini speċifiċi.

Pożizzjoni tal-Kummissjoni

(111) Il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jipprovdi, fl-Artikolu 7(4), li sabiex jiġi ffaċilitat l-aġġustament f'sitwazzjoni fejn id-durata mistennija ta' miżura ta' salvagwardja, kif innotifikat taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 12, tkun ta' aktar minn sena, il-Membru li japplika l-miżura għandu jilliberalizzha progressivament f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni.

([45]) Il-volumi fl-Anness II diġà jirriflettu dan it-trasferiment

(112) F'dan ir-rigward, fl-ewwel Regolament tar-Rieżami l-Kummissjoni introduċiet livell ta' liberalizzazzjoni ta' 3 % effettiv għat-tieni sena tal-miżuri. F'dak ir-Regolament, huwa stabbilit ukoll li l-istess livell ta' liberalizzazzjoni għandu japplika fit-tielet sena tal-miżuri, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni analizzat jekk kinitx iġġustifikata xi bidla biex jiżdied il-livell attwali.

(113) Kif spjegat fid-dettall fit-Taqsima 3.1, prattikament is-sorsi kollha jindikaw tnaqqis ċar fl-attività ekonomika fis-sena 2020-21 bi tqabbil mas-snin preċedenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li d-domanda għall-azzar fil-biċċa l-kbira ssegwi x-xejriet makroekonomiċi, eż. żieda fil-PDG ta' pajjiż jew ta' reġjun ekonomiku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar il-fatt li ammonti sinifikanti ta' kwoti tariffarji ma ntużawx matul l-ewwel sena tal-miżuri, u aktarx li volumi saħansitra ogħla jerġgħu ma jintużawx fi tmiem it-tieni sena. Għalhekk, fid-dawl tal-prospettivi ekonomiċi attwali għall-perjodu 2020-21, l-ammont sinifikanti konsistenti tal-kwoti tariffarji disponibbli fil-kategoriji ta' prodotti kollha, u n-nuqqas ta' evidenza soda fil-fajl li tindika xi ħtieġa għal żieda fil-kwoti tariffarji, il-Kummissjoni jkollha tirrifjuta d-dikjarazzjonijiet kollha li jitolbu żieda fil-pass tal-liberalizzazzjoni.

(114) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni mbagħad eżaminat it-talbiet biex jitnaqqas jew jiġi eliminat il-livell attwali ta' liberalizzazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(4) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jorbot b'mod ċar awtorità investigattiva biex mill-inqas tippreserva livell ta' liberalizzazzjoni, ladarba dan ikun ġie implimentat b'mod effettiv fit-tieni sena tal-miżuri. Kif meħtieġ, għat-tielet sena tal-miżuri li tibda fl-1 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' liberalizzazzjoni ma jistax jitnaqqas taħt dak li kien effettivament stabbilit fi tmiem it-tieni sena, jiġifieri 3 %. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrifjuta t-talbiet għal tnaqqis fil-livell ta' liberalizzazzjoni.

(115) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-livell ta' liberalizzazzjoni għalhekk jinżamm f'livell ta' 3 % għal kull kategorija ta' prodotti.

Kummenti oħra

(116) Bosta partijiet interessati infurmaw lill-Kummissjoni dwar prattiki allegati li għandhom l-għan li jevitaw il-ħlas tad-dazju barra mill-kwota ta' 25 %. Dawn il-prattiki allegati ta' evażjoni jew ta' dikjarazzjoni skorretta għandhom diversi forom u jikkonċernaw bosta kategoriji ta' prodotti.

(117) Il-Kummissjoni tieħu nota ta' dawn l-allegazzjonijiet u timpenja lilha nfisha biex tanalizzahom ulterjurment bil-ħsieb li tieħu kull azzjoni ta' rimedju meħtieġ jekk il-prattiki allegati jiġu kkonfermati. F'kull każ, il-Kummissjoni tfakkar li l-leġiżlazzjoni doganali għadha applikabbli bis-sħiħ biex tindirizza dawk l-allegazzjonijiet.

(118) Xi partijiet interessati talbu li ċerti kategoriji jinqasmu. B'appoġġ għal dawn id-dikjarazzjonijiet, xi partijiet saħqu li f'xi każijiet tipi ta' prodotti kemm standard kif ukoll ta' livell għoli kienu qed jikkompetu taħt l-istess kwota tariffarja, u li l-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi preservata t-taħlita t-tajba bejn dawn it-tnejn, filwaqt li jiġu evitati effetti ta' esklużjoni.

(119) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li, wara dawk it-talbiet, taħt din it-tieni Rieżami hija wettqet analiżi fil-fond ħafna tal-effetti potenzjalment ta' esklużjoni u introduċiet l-aġġustamenti raffinati deskritti fit-Taqsima 3.2.3 hawn fuq bħala rimedju għalihom. Il-Kummissjoni tosserva li dawn l-aġġustamenti kieku jippermettu l-indirizzar ta' ħafna minn dawn it-talbiet, billi jiżguraw li dawk il-pajjiżi li jfornu ammonti żgħar ta' tipi ta' prodotti ta' livell għoli, li normalment jaqgħu taħt il-kwota residwa, ikun jista' jkollhom aċċess aktar assigurat għall-volumi disponibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li t-tfassil tal-miżuri jrid joħloq bilanċ diffiċli bejn l-iżgurar, sa fejn ikun possibbli, tal-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u ta' oriġini, u ż-żamma ta' sett ta' miżuri li l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni jkunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv. Il-Kummissjoni tqis li jekk tfeġġ proliferazzjoni ta' sottokategoriji ta' prodotti, ikun hemm riskju li l-implimentazzjoni tal-miżuri ssir oneruża wisq u li timmina l-amministrazzjoni effettiva tal-kwoti tariffarji.

(120) Xi talbiet għal qasma rreferew speċifikament għall-fatt li ċerti tipi ta' prodotti jintużaw mis-settur awtomobilistiku u li, għalhekk, għandhom jirċievu trattament simili għal dawk taħt il-Kategorija ta' prodotti 4B. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva f'dan ir-rigward li l-biċċa l-kbira minn dawn it-talbiet ġew injorati mill-industrija awtomobilistika nfisha fl-istadju bil-miktub, u b'hekk dan iqajjem dubji raġonevoli dwar l-interess tal-Unjoni fl-adozzjoni ta' dan l-aġġustament.

(121) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sottomissjonijiet riċevuti f'dan ir-rigward, bl-eċċezzjoni ta' dik tal-Kategorija ta' prodotti 25 imsemmija qabel fil-Premessi (55) sa (62), ma pprovdewx biżżejjed evidenza biex isostnu l-allegazzjonijiet jew biex tingħata prova tal-fattibbiltà tagħhom biex ikunu implimentati mill-awtoritajiet doganali mingħajr piż mhux dovut jew biex jintwera kif tali aġġustament ikun fl-interess kumplessiv tal-Unjoni.

(122) Xi partijiet interessati talbu li l-Kummissjoni tinkludi ċerti kategoriji ta' prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri, filwaqt li oħrajn iddikjaraw li ċerti kategoriji għandhom jiġu esklużi.

(123) Il-Kummissjoni tirreferi għas-sejba tagħha fil-Premessa (163) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami, fejn hija stabbiliet li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ma jkoprix bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Għalhekk, dawn it-talbiet qed jiġu rrifjutati.

(124) Xi partijiet insistew ukoll li l-miżuri stabbiliti ma ssodisfawx l-istandards tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u li għalhekk għandhom jintemmu.

(125) Il-Kummissjoni tirreferi għall-Premessa (165) tal-ewwel Regolament tar-Rieżami u għar-referenzi li saru fih, u għalhekk tirrifjuta dawn it-talbiet.

(126) Xi partijiet interessati oħra pproponew li l-kwoti tariffarji jiġu amministrati permezz ta' sistema ta' liċenzjar.

(127) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ttenni li kwalunkwe sistema ta' amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji trid tiżgura li l-implimentazzjoni tagħha ma tkunx oneruża żżejjed għall-awtoritajiet doganali sa punt fejn tirriskja li timmina l-applikazzjoni effettiva tagħha. Il-Kummissjoni għadha tal-fehma li s-sistema ta' amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji li hija stabbiliet permezz tar-Regolament definittiv hija dik l-aktar xierqa biex jinstab bilanċ xieraq.

(128) Fl-aħħar nett, bosta partijiet staqsew dwar l-impatt u xi aġġustamenti possibbli relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ("Brexit").

(129) Il-Kummissjoni tosserva li, fi żmien l-adozzjoni tal-aġġustamenti, il-perjodu ta' tranżizzjoni tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni għadu fis-seħħ, billi l-ftehim futur bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit qed jiġi nnegozjat. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se teżamina mill-ġdid fil-pront is-sitwazzjoni fid-dawl ta' kull żvilupp li jikkonċerna din il-kwistjoni.

(130) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li r-rieżami attwali li jemenda l-miżuri ta' salvagwardja li għaddejjin jikkonforma wkoll mal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehimiet bilaterali ffirmati ma' ċerti pajjiżi terzi.

Klawsola ta' rieżami

(131) Finalment, il-Kummissjoni tikkunsidra li, abbażi tal-interessi tal-Unjoni, jista' jkollha taġġusta l-livell jew l-allokazzjoni tal-kwota tariffarja kif stabbilit fl-Anness II għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2020 fil-każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi matul il-perjodu ta' impożizzjoni tal-miżuri. Iċ-ċirkostanzi mibdula jistgħu, pereżempju, jimmaterjalizzaw fil-każ ta' żieda jew tnaqqis kumplessivi fid-domanda tal-Unjoni għal xi kategoriji ta' prodotti li jkunu jeħtieġu rivalutazzjoni tal-livell tal-kwota tariffarja, l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping jew antisussidji li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-iżvilupp futuri fl-importazzjoni, jew saħansitra kwalunkwe żvilupp li jirrigwarda t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti tal-Amerka li jista' jkollhom impatt dirett fuq il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni, jiġifieri f'termini ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina wkoll jekk it-tħaddim tal-miżura jistax ikollu effetti detrimentali fil-kisba tal-objettivi ta' integrazzjoni segwiti ma' sħab kummerċjali preferenzjali, bħal li jitfgħu f'riskju sostanzjali l-istabbilizzazzjoni jew l-iżvilupp ekonomiku tagħhom.

(132) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/159 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti kkonċernati, u bl-eċċezzjoni tal-kategoriji ta' prodotti 8 u 25a, parti minn kull kwota tariffarja hija allokata lill-pajjiżi speċifikati fl-Anness IV.

3. Il-parti li jifdal ta' kull kwota tariffarja, kif ukoll il-kwota tariffarja għall-kategoriji ta' prodotti 8 u 25, għandhom jiġu allokati abbażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, ibbażat fuq kwota tariffarja stabbilita b'mod ugwali għal kull trimestru tal-perjodu ta' impożizzjoni."

(b) Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

